MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 432/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Trevor V. Micallef)**
**Vs**
**Rose Parnis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta ta’ 14.00 hrs, waqt li kienet gewwa l-ghassa ta’ San Giljan :

1. volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;
2. qalet fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Novembru, 2009, li biha, stante li preskritta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex tiddisponi mill-kaz skond il-ligi billi ssib lill-appellata hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha w taghti dik il-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta' l-ipotezi tal-ligi u erronjament ghaddiet sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz stante li l-azzjoni giet estinta.

Illi fis-sentenza appellata l-Qorti rrilevat li *"tirrileva li t-timbru ta' l-ufficjal prosekutur fuq il-komparixxi jindika li din inharget mill-ufficjal prosekutur fit-8 ta' Gunju, 2009.*
*Illi r-riferta tindika li harget fit-23 ta' Marzu, 2009. Illi jirrizulta li hemm xi illogicita' fir-rigward, u konsegwentement tilqa' l-eccezzjoni preliminari u tiddikjara li n-notifika tal-komparixxi hi vizzjata w mhix skond il-ligi.*
*Rat l-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni;*
*Stante li preskritta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz".*

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 693(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad li :
*"693. (1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-procediment li jigi innotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat".*

Illi mill-atti tal-kaz, jirrizulta ben car illi l-appellata giet notifikata bit-Trahrika relattiva fit-23 ta' Marzu, 2009, data li hija kompriza fil-perjodu preskrittiv ta' 3 xhur. Illi b'hekk, a tenur ta' l-artikolu 693(1) il-perjodu preskrittiv ghar-rigward ta' l-akkuzi odjerni inkiser skond il-ligi.

Illi l-istitut tal-preskrizzjoni ta’ reati jew kontravenzjonijiet fil-ligi Maltija jibda jiddekorri skond il-provedimenti ta’ l-artikolu 691 tal-Kap. 9. Dan l-istess perjodu jigi miksur ai termini ta’ l-artikolu 693 jew sospiz ai termini ta’ l-artikolu 691(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-raguni moghtija mill-Ewwel Qorti li fuqha sabet li l-kaz huwa preskritt m’hijiex raguni legali u certament m’hijiex inkluza fid-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 693 tal-Kap. 9, jistabilixxi illi z-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser “b’kull att li jigi notifikat lill-imputat”. B’dan illi jekk jigi provat illi l-imputata giet notifikata fil-perjodu preskrittiv, l-azzjoni ma tistax titqies illi hija estinta. Fil-kaz odjern, l-allegati kontravenzjonijiet sehhew fl-24 ta’ Jannar 2009 b’dan illi l-perjodu preskrittiv kien jaghlaq fl-24 ta’ April, 2009. Stante li l-appellata giet notifikata fit-23 ta’ Marzu, 2009, il-perjodu preskrittiv inkiser legalment u validament.

Ikkunsidrat :

Illi dana huwa appell intavolat mill-Avukat Generali abbazi tal-Artikolu 413(1)(b)(iv)(ii) li jintitolah jaghmel appell dwar punti legali li jikkoncernaw s-sentenza tal-Prima Istanza.

F’dan il-kaz l-Ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellata Rose Parnis fuq il-bazi ta’ preskrizzjoni tal-azzjoni, peress illi deherilha illi kien hemm mankanza fin-notifika taghha, w dana il-ghaliex id-dati fuq ir-riferta kif ukoll fuq ic-citazzjoni ma jaghmlux sens.

Skond il-komparixxi, dina giet iffirmata mill-Ispettur u prezubilment ipprezentat l-Qorti fit-8 ta’ Gunju, 2009, bl-ewwel seduta ffissata ghat-18 ta’ Gunju, 2009.

Skond l-ordni tan-notifika a fol. 3 tal-process din l-istess citazzjoni giet notifikata lill-appellata fit-23 ta’ Marzu 2009, u cioe’ aktar minn tlett xhur qabel ma giet ipprezentata l-Qorti! Hawn il-Qorti tifhem il-ghaliex l-Ewwel Qorti hassitha sorpriza b’dawn id-dati, peress illi deherilha illi ma setax kien illi c-citazzjoni giet innotifikata fit-23 ta’ Marzu 2009 meta dina kienet ghadha lanqas iffirmata mill-Ispettur jew ipprezentata l-Qorti.

Ikkunsidrat :

L-argumenti migjuba mill-Avukat Generali, l-appellant, huma kollha korretti. In-nuqqas ta' firma tal-Ispettur ma timpurtax in-nullita' tac-citazzjoni, liema att ghandu jservi biss bhala *"avviso di comparire"* bhala informazzjoni lill-imputat sabiex jattendi l-Qorti w jkun jaf ghal x'hix qed jigi akkuzat.

L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali imkien ma jghid illi c-citazzjoni ghandha tkun iffirmata mill-Ispettur jew ghandha jkun fiha xi informazzjoni ohra ghal dak illi bih l-imputat ikun jaf ghal x'hix irid jirrispondi.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Mario Agius" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 1995 intqal *"fil-kaz tac-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, din tirrikjedi biss li tkun fiha l-fatti tal-akkuza w dan bl-istess mod bhal ma meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-prosekuzzjoni. Din l-akkuza jehtieg li jkun fiha l-fatt tar-reat. Dawn il-fatti naturalment, iridu jkunu b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega tat-tigbid ta' kliem jew imaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghall-iema reat jew reati jrid iwiegeb."*

Dawn il-kweziti huma kollha osservati fic-citazzjoni li giet eventualment notifikata lill-imputata w ghalhekk ma jistax ikun hemm xi censura jew xi nullita' abbazi ta' dan, pero' skond l-Artikolu 360(2) jghid ukoll illi c-citazzjoni "ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-Qorti ......."

Dana jfisser kwindi, illi fuq ic-citazzjoni ghandu jkun hemm id-data meta l-persuna mharka ghandha tidher. Ghax x'tiswa t-twissija jekk tircievi citazzjoni minghajr ma jkun fiha d-data ghas-smiegh taghha!

F'dan il-kaz, jekk l-appellata irceviet il-kopja tac-citazzjoni dina zgur li rrcevietha minghajr data, peress illi d-data fuq ic-citazzjoni bil-fors tnizzlet wara t-8 ta' Gunju 2009.

F’liema kaz allura, l-appellata kellha kull gustifikazzjoni illi ma tidhirx dak inhar illi ssejhet l-ewwel seduta fit-18 ta’ Gunju, 2009. Pero’ hemm osservazzjoni ohra illi qeghda tnissel dubju f’din il-Qorti, kemm verament dak l-avviz gie notifikat lill-appellanta.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tal-ordni kif jidher a fol. 3 tal-process f’originali tieghu, ssib illi l-isem tal-imputata mhuhix indikat car. Filwaqt illi fil-parti fejn ghandu jkun hemm l-isem tal-persuna li ghandha tkun notifikata, l-isem tal-appellanta huwa indikat korrett, fid-dikjarazzjoni tal-Pulizija illi effettivament ghamel in-notifika, l-isem mhuhix car. Fil-fatt mhu isem xejn u lanqas ma hu decifrabbli. Hemm biss thassis garbuljat li ma jfisser xejn! Lanqas bil-lingwa Ingliza kif donnha inkitbet dik l-ordni tan-notifika.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis din ir-riferta, a fol. 3 tal-process, bhala notifika valida. Dana apparti d-dubji li ghandha kemm l-appellata setghet verament giet notifikata bic-citazzjoni ghar-ragunijiet indikati qabel f’dan il-gudikat.

Ghalhekk filwaqt illi l-argumenti legali migjuba mill-Avukat Generali huma korretti dawna huma kollha bbazati fuq il-validita’ tan-notifika lill-appellata fit-23 ta’ Marzu 2009. Darba jirrizulta d-dubju dwar il-validita’ ta’ din in-notifika dawn l-argumenti jaqghu. L-unika haga certa hi li ghas-seduta tat-8 ta’ Ottubru, 2009 (fol. 5 tal-process) l-Avukat tal-appellata ta ruhu b’notifikat ghall-istess appellata ghall-udjenza li kien imiss.

Il-Qorti jidhrilha illi ma tistax tibbaza gudizzju fuq notifika illi hija suspetta w ma taghtikx ic-certezza morali tax-xjenza tal-imharrek dwar il-proceduri illi qeghdin jigu mressqa quddiemu.

Id-dubju dwar il-validita’ tan-notifika ghandu jkun ta’ vantagg tal-appellata, f’liema kaz allura, bejn il-kommessjoni tar-reat fl-24 ta’ Jannar 2009 u c-certezza tan-notifika fit-8 ta’ Ottubru 2009 ikun ghadda unitilment t-

terminu li fih l-azzjoni kellha titmexxa fil-konfront tal-appellata.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet id-decizzjoni tal-Ewwel Qorti kienet wahda korretta w mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------